# 25. Lill-Għasfur tal-Bejt

Inħobbok, għasfur ċkejken,
għaliex bħall-grazzja t'Alla,
int tbejjet fir-rewwieħa tad-dar tiegħi
kif tbejjet fil-kampnar tal-kattidral;
u miegħek, għasfur ċjejken,
inħobb bi mħabba kbira
lill-frieħ tiegħek
qishom uliedi;
Alla ħares
tiġri xi ħaġa lilhom qabel jsofru
minn ġor-rewwieħa!
Biss,
ħaġa waħda biss,
nixtieq mingħandek,
għasfur ċkejkuni:
meta fit-taqbid tal-ħajja
jien nishar tard,
għid lil uliedek ma jqumux minn kmieni
ipespsu, jpespsu, jpespsu
mingħajr waqfien!
Għidilhom, jekk jogħġobhom iħalluni
norqod u norqod u norqod
fis-sliem.